**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 1 ta' Novembru, 2001**

**Numru 14**

**Avviz numru 865/01**

**Frank Borda Limited**

**vs**

**Emanuel u Sonya Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' mija u erba u hamsin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm154.70) rapprezentanti import ta' tlettax-il kambjala (13) skaduti u mhux imhallsa.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghaxijiet mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala rispettiva. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma ipprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema' lil Mary Grace Darmanin tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**